MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007

Numru 219/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja u**
**Spettur Jesmond Borg)**

**v.**

**Hasan Muhammed Ali,**
**Abdelrahman Abuker Ahmed,**
**Omar Omar Osman u**
**Hasan Anwar Otman**

**Il-Qorti:**

Din hija decizjoni wara rikors maghmul minn Anwar Osman Hasan (ossia Hasan Anwar Otman) fit-12 ta’ Novembru 2007 li permezz tieghu l-imsemmi rikorrent talab li jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest bil-garanzija fil-mori tal-proceduri pendenti kontra tieghu.

Ir-rikorrent qed jitlob li jinghata *bail* ghax, kif qed jallega, ghaddew prattikament sitt xhur li fihom ma sar xejn f'din il-kumpilazzjoni. L-Avukat Generali, fir-risposta tieghu, qed jopponi ghal din it-talba; hu jikkontendi li minhabba n-natura tar-reati, il-possibilita` ta' intralc mal-provi u l-fatt li r-rikorrent ma ghandux rabtiet ma' Malta – ir-rikorrent huwa in effetti immigrant irregolari – kif ukoll minhabba li "il-proceduri qed jiehdu l-kors normali taghhom minkejja diffikultajiet bhal meta ma nstabx interpretu ghall-lingwa Somala u l-fatt li l-proceduri kellhom jibdew mill-gdid", din il-Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrent.

L-imsemmi Hasan Onwar Osman sive Otman tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-21 ta' Marzu 2007 u kien akkuzat, flimkien mal-persuni, b'diversi reati fosthom dak ta' stupru, arrest illegali ta' persuna u tentattiv ta' offiza gravi. Il-provi, ghall-finijiet ta' l-istruttorja, bdew jinstemghu fit-18 ta' April 2007. Fl-20 ta' April 2007 l-attijiet tal-kumpilazzjoni ntbaghtu skond il-ligi lill-Avukat Generali u l-Qorti Istruttorja ffissat l-24 ta' Mejju 2007 bhala d-data ta' l-udjenza li kien imiss f'kaz li, flok ma jinhareg l-att ta' akkuza, ikun hemm il-htiega ta' rinviju ghas-smigh ta' aktar xhieda. Effettivament fil-<u>21 ta' Mejju 2007</u> l-Avukat Generali rrinvija l-attijiet lura lill-Qorti Istruttorja biex din tisma' diversi xhieda (ara n-nota ta' rinviju a fol. 87) li kienu ghadhom ma ddeponewx. Fl-<u>24 ta' Mejju 2007</u>, meta dik il-Qorti giet biex taghmel dak mitlub mill-Avukat Generali, gie registrat hekk: ***"Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Jesmond Borg, li nforma li ghal-lum ma gewx ingunti xhieda peress illi l-Ispettur Louise Calleja [li] kellha tiehu hsieb li tharrek ix-xhieda tinsab imsiefra."*** Apparti li din il-Qorti ma tistax tifhem ghala, jekk ufficjal prosekutur ikun imsiefer, m'ghandux jaghti *hand over* lil ufficjal iehor biex isir dak li ghandu jsir, u apparti li f'dan il-kaz hemm <u>zewg</u> ufficjali prosekuturi, dan il-verbal huwa l-bidu ta' sensiela ta' rinviji u nuqqas ta' ko-ordinament bejn il-Qorti Istruttorja, il-Pulizija u l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali li wassal biex ghal kwazi <u>sitt xhur shah ma gie registrat ebda progress f'din l-istruttorja</u>. Infatti, fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2007 aktar 'l fuq imsemmija, ghalkemm il-Qorti Istruttorja kien ghad

baqghalha xahar neqsin tlett ijiem biex taghmel dak mitlub mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu, flok ma ddifferiet ghal data ohra entro t-terminu ta' xahar, baghtet l-atti lura lill-Avukat Generali u stabbiliet data ohra ghas-6 ta' Lulju 2007 ghall-udjenza li jmiss. Intant, sakemm l-atti kienu ghand l-Avukat Generali, Anwar Osman Hasan ghamel rikors quddiem din il-Qorti – il-Qorti Kriminali – ghall-helsien mill-arrest bil-garanzija, li pero` gie michud b'digriet tad-19 ta' Gunju 2007 (fol. 99).

Fit-28 ta' Gunju 2007 l-Avukat Generali, peress li rriskontra difett fl-attijiet ta' l-istruttorja, ghamel rinviju tal-hamest ijiem (i.e. taht l-Artikolu 432 u mhux taht l-Artikolu 405), biex dana d-difett jigi rettifikat. Il-Qorti Istruttorja, flok ma appuntat is-smigh tar-rinviju entro l-imsemmija hamest ijiem, halliet is-smigh ghad-data pre-stabbilita tas-6 ta' Lulju. Fis-6 ta' Lulju regghet ma dehritx l-Ispettur Calleja (din id-darba minhabba li gie registrat li kellha "xoghol ta' natura urgenti" (li pero` baqa' ma giex specifikat), u l-Qorti Istruttorja – erroneament fil-fehma ta' din il-Qorti – dehrilha li ma setghetx tirrettifika l-atti bil-presenza biss tal-Ispettur Borg. L-atti regghu ntbaghtu lill-Avukati Generali u giet stabbilita d-data tat-8 ta' Awissu 2007 ghall-udjenza li jmiss. Skond il-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' Awissu 2007 a fol. 103 jidher li kien hemm nota ta' rinviju ohra datata proprju 8 ta' Awissu 2007, izda din ma tinsabx fl-atti. Ghall-udjenza imsemmija tat-8 ta' Awissu deheru z-zewg Spetturi, pero` dawn infurmaw lill-Qorti li huma kellhom diffikulta` biex isibu interpretu biex jitraduci ghal wiehed mill-imputati (mhux ir-rikorrent odjern) li jitkellem biss bil-lingwa Somala. L-interpretu li kien qed jittraduci ghall-imputati l-ohra (inkluz allura r-rikorrent odjern) mill-Malti ghall-Gharbi, ma deherx ghalkemm kien gie notifikat bid-data tal-udjenza. L-atti regghu gew rinvjati lill-Avukat Generali u giet stabbilita data ohra ghall-udjenza li jmiss – 19 ta' Settembru 2007. Gurnata qabel din id-data – 18 ta' Settembru 2007 – l-Avukat Generali baghat l-atti lura lill-Qorti Istruttorja bl-istess rinviju tat-28 ta' Gunju, cioe` ta' hamest ijiem ghar-rettifika ta' l-atti. Fl-udjenza tad-19 ta' Settembru l-Ispettur Jesmond Borg informa lill-Qorti li hu kien ta struzzjonijiet biex l-imputati ma jingiebux il-Qorti ghax, skond hu, l-Avukat Generali kien talab proroga. Din

il-Qorti tirrileva li anke jekk l-Avukat Generali kien effettivament talab proroga, galadarba kien hemm appuntament quddiem il-Qorti Istruttorja ghad-19 ta' Settembru, din il-Qorti ma tarax xi dritt kellu l-imsemmi Spettur li prattikament ihassar is-seduta bl-awtorita` tieghu. Infatti, fl-udjenza tad-19 ta' Settembru rega' ma seta' jsir xejn. Hawn ukoll, il-Qorti Istruttorja, flok ma ddifferiet ghal data entro l-hamest ijiem mit-18 ta' Settembru, iddifferiet ghas-26 ta' Ottubru 2007, u regghet baghtet l-atti lura lill-Avukat Generali. Din id-data – tas-26 ta' Ottubru 2007 – jidher li nqabzet ghax in-nota ta' rinviju (dejjem ta' hamest ijiem u dejjem ghar-rettifika tal-atti) li hemm fil-process a fol. 108, iggib id-data tal-1 ta' Novembru 2007. Il-Qorti Istruttorja din id-darba appuntat ir-rinviju ghas-smigh mal-ewwel – 2 ta' Novembru 2007 – izda fit-2 ta' Novembru 2007 rega' (erroneament, fil-fehma ta' din il-Qorti) ma sar xejn ghax l-Ispettur Calleja regghet kienet imsiefra. Il-Qorti Istruttorja, ghalhekk, regghet baghtet l-atti lill-Avukat Generali u pprestabbiliet seduta ohra ghas-6 ta' Dicembru 2007.

Din il-Qorti elenkat fid-dettal dan kollu, ghax l-*iter* li hadet din il-kawza mill-24 ta' Mejju 2007 sal-lum huwa inaccettabbli. Hawnhekk ghandna persuna arrestata preventivament – u ghalhekk prezunta innocenti – fejn fil-proceduri ta' istruttorja kontra taghha ghal kwazi sitt xhur shah ma gie registrat ebda progress fihom. Procedura normalment semplici ta' rettifika tal-atti skond l-Artikolu 432 – jinghad "normalment", ghax fil-maggoranza tal-kazijiet u kemm-il-darba d-difiza ma tkunx difficli u toqghod tinsisti li effettivament jergghu jinstemghu ix-xhieda kollha, din il-procedura hija semplici formalita` li ma tiehux aktar minn hames minuti – ilha kwazi hames xhur (mit-28 ta' Gunju) biex issir, apparti x-xhieda indikati fin-nota ta' rinviju tal-21 ta' Mejju 2007 li ebda wiehed minnhom ghadu ma nstema'. Fl-udjenza quddiem din il-Qorti – il-Qorti Kriminali – l-Avukat Dott Aaron Bugeja u l-Ispettur Borg ippruvaw jiggustifikaw jew jiskuzaw dan l-istat ta' katatonija billi qalu li l-interpretu li kien qed jittraduci ghall-lingwa Somala (mhux ghar-rikorrent odjern) kien gie mhedded, x'aktarx minn wiehed stess mill-imputati, u li kien ghalhekk li ma riedx ikompli jitraduci.

Apparti li quddiem il-Qorti Istruttorja ma gie registrat xejn minn dan kollu, anke jekk effettivament gara hekk, huwa l-obbligu ta' l-Istat li jipprovdi interpretazzjoni b'xejn f'kazijiet fejn l-imputat ma jifhimx bil-lingwa li bihom ikunu qed isiru l-proceduri – u n-nuqqas ta' interpretu kif registrat f'udjenza wahda kienet biss holqa zghira f'sensiela ta' nuqqasijiet ohra li wasslu ghan-nuqqas ta' progress aktar 'l fuq imsemmi. F'cirkostanzi simili, u cioe`, meta l-istruttorja ma tkunx imxiet kif suppost, din il-Qorti neccessarjament ghandha tikkunsidra li takkolji t-talba ghal-helsien mill-arrest bil-garanzija.

U hekk sejra taghmel. S'intendi, din il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li l-ligi tobbligaha li tiehu in konsiderazzjoni, fosthom il-gravita` tar-reati li bihom ir-rkorrent jinsab akkuzat, il-mezzi tieghu – bhala immigrant irregolari li qabel ma tressaq akkuzat kien residenti fil-*Marsa Open Centre*, dawn il-mezzi huma ezigwi jekk mhux non-esistenti – kif ukoll timponi kundizzjonijiet li bihom timminimizza safejn huwa possibbli l-perikoli msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali. Il-kwistjoni tal-mezzi tar-rikorrent ma hix verament problema – ghalkemm huwa ma ghandux mezzi, il-ligi taghna ma tirrikjedix li huwa jiddepozita xi somma ta' flus. Kieku kien hekk, il-ligi kienet tkun tiddiskrimina fil-konfront ta' min hu fqir. Skond il-ligi taghna il-mod <u>principali</u> kif issir il-garanzija huwa billi l-imputat jew akkuzat igib
plegg tajjeb, ossia terz idoneu (Artikoli 577(1) u 582(2)), u jkun dan ir-terz idoneu li jobbliga ruhhu fis-somma stabbilita skond il-kriterji kollha msemmija fl-Artikoli 576 u 584. B'hekk, persuna idonea (il-plegg) tkun qed tindika li hija tafda lir-rikorrent billi tidhol bhala garanti ghalih. S'intendi, jekk rikorrent ma jsib ebda persuna li lesta tafdah, ma ghandux jippretendi li l-Qorti tafdah u takkordalu l-helsien mill-arrest minghajr ebda garanzija serja kwantifikabbli fi flus.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent Anwar Osman Hassan (ossia Hassan Anwar Otman) u takkordalu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht is-segwenti kundizzjonijiet:

**i. li r-rikorrent jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz iehor, max-xhieda tal-prosekuzzjoni;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz (li ma jkunx il-*Marsa Open Centre*) li jigi minnu indikat b'nota u approvat minn din il-Qorti; li ma jbiddilx din ir-residenza tieghu (li ghad trid tigi approvata) minghajr il-permess tal-Qorti; li ma johrogx mill-imsemmija residenza hlief bejn is-sebgha u l-ghaxra ta' filghodu (7.00 – 10.00 am) jew biex jikkonforma ruhhu mal-kundizzjoni nurmu i (*supra*);**

**iv. li jirraporta darba kulljum fil-Ghassa tal-Pulizija li tigi indikata lilu minn din il-Qorti wara li tigi stabbilita r-residenza skond il-kundizzjoni numru iii (*supra*) bejn is-sebgha w nofs u t-tmienja w nofs ta' filghodu (7.30 – 8.30 am);**

**v. li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda dghajsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**vi. li f'ebda hin u taht ebda cirkustanza ma ghandu jkun f'distanza ta' anqas minn elf metru mix-xatt tal-bahar f'xi lokalità tal-Gzejjer ta' Malta; u**

**vii. li jaghmel tajjeb ghal dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub fis-somma ta' elfejn u hames mitt lira (M2,500); il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali**

**sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneita` ta' tali plegg, u fi kwalunkwe kaz din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti kif ukoll qabel ma din il-Qorti tapprova r-residenza ghall-finijiet tal-kundizzjoni iii u tindika l-Ghassa tal-Pulizija ghall-finijiet tal-kundizzjoni iv.**

Komunika immdejata ta’ dan id-digriet lir-rikorrent, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------